MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 826/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Q Entertainment Production Limited (C 26083)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, sitt mija u hamsa u erbghin ewro u erba` centezmi (€2,645.04) minghand is-socjeta konvenuta, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lilha a bazi ta’ ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2426/2010 pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz u bl-imghax legali mid-data ta’ l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsa u erbghin ewro u erba` centezmi (€2,645.04) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------